MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 916/2001/1

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Ramazan Ertugrul**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf, sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,688.50) in kwantu ghas-somma ta' elf, hames mija u tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm1562.50) import ta' sittax-il (16) kambjala annessi u mmarkati bhala Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15 u 16 u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet u inkwantu ghas-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm126.00) bhala imghaxijet legali fuq din is-somma kalkolati sal-5 ta' Novembru, 2001.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta’ Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.